MALTA

ATT Nru. XXIV ta' l-1985

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex iħassar l-Ordinanza dwar l-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib (Approprjazzjoni). Kap. 177.

ACT No. XXIV of 1985

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to repeal the Milk Marketing Undertaking (Appropriation) Ordinance, Cap. 177

Nagħti l-kunsens tiegħi

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

20 ta' Diċembru, 1985

ATT Nru. XXIV ta' l-1985

ATT biex iħassar l-Ordinanza dwar l-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib (Approprjazzjoni), Kap. 177.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1985 li jħassar l-Ordinanza dwar l-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib (Approprjazzjoni) u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1986.

Thassir ta' l-Ordinanza dwar l-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib (Approprjazzjoni). Kap. 177

2. L-Ordinanza dwar l-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib (Approprjazzjoni), Kap. 177, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "l-Ordinanza" hi b'dan imħassra.

Dispożizzjonijiet transitorji.

3. (1) Minkejja t-tħassir ta' l-Ordinanza l-flejjes kollha li għandhom jitħallsu lill-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib jew minnha sal-31 ta' Diċembru, 1985, għandhom jibqgħu regolati bl-artikoli 2 u 3 ta' l-Ordinanza, u għandhom wara dik id-data jkollhom jitħallsu lid-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd jew minnu u għandhom jiġu akkreditati lil, jew jitħallsu mill-Kont imsemmi fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "il-Kont", u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza ma japplikawx għal xi bilanċ li jibqa' għall-kreditu tal-Kont sa l-aħħar tas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 1985.

(2) Id-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd għandu kemm jista' jkun malajr wara l-31 ta' Diċembru, 1985, jiġbor u jħallas il-flejjes kollha,

li jkollhom jitħallsu lill-Fond jew minnu u għandu, mhux iktar tard mit-30 ta' April, 1986, ixolji l-Kont u jagħmel kont ta' dak ix-xoljiment lill-*Accountant General*. Il-flejjes kollha li jibqgħu għall-kreditu tal-Kont wara li l-Kont ikun ġie xolt għandhom jiġu approprjati fil-Fond Konsolidat.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-*Accountant General* għandu jibgħat lid-Direttur ta' Verifika l-kont li juri l-kontijiet tad-dħul u ta' l-ispejjeż u kont li jkun fih *Balance Sheet* regolari ta' l-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib għas-sena finanzjarja 1985 flimkien mal-kont tax-xoljiment tal-Kont mhux iktar tard minn xahrejn wara li l-imsemmi Kont ikun ġie xolt, u s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 62 ta' l-Att ta' l-1962 dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika għandu japplika għal dawk il-kontijiet.

(4) Il-flejjes kollha li jibqgħu pendenti wara x-xoljiment tal-Kont għandhom —

(a) meta jiġu riċevuti mid-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd jiġu approprjati fil-Fond Konsolidat; u

(b) meta jitħallsu minnu jintefqu minn vot ta' spiża xieraq.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 312 tat-18 ta' Diċembru, 1985.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati